Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 178/2013

Il-Pulizija

[Spettur Anthony Agius]

Vs

*Omissis*

Nazzareno Camilleri

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Nazzareno Camilleri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 182453M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli, flimkien ma *omissis:*

Fis-17 ta' Novembru, 2008 ghall-habta tad-09:00hrs u matul dawn il-granet u l-granet ta' qabel go Garaxx u Ave Maria fi Triq Dun Bartolomew Attard, Zebbug:

Hallew katusi tal-ilma tax-xhita li jkunu komunikati mad-drenagg u b'hekk l-ilma tax-xita jibqa` sejjer ghall-gewwa d-drenagg u dan minghajr permess tal-Awtoritá Sanitarja.

Il-Qorti giet mitluba barra milli taghti l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidrilha xierqa fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-11 ta' April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 97F (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat il-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa, sabet lill-imputati hatja, ikkundannathom multa ta' mitejn euro (€200) kull wiehed u ordnat li x-xoghol rikjest isisr fi zmien tlett xhur. Ix-xoghol ghandu jsir bi spejjez ugwali that is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri u that penali ta' mitt Ewro (€100) kuljum fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-protata ta' din is-sentenza lil hatja.

Rat ir-rikors tal-appellant Nazzareno Camilleri minnu pprezentat fit-23 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

1. Fl-ewwel lok in-nullitá tas-sentenza peress li tmur kontra d-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jghid:

   > *'The Court in delivering judgment, shall state the facts of which he has been found guilty, shall award punishment, and shall quote the articles of this Code or any other law creating the offence'*

Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, la l-fatti li taghhom l-appellanti instab hati ma ssemmew fis-sentenza u laqnas l-artikoli tal-lgii ma gew indikati, dan bi pregudizzju kbir ghal-appellanti.

2. Fit-tieni lok l-esponenti kien sorpriz kif f'dik is-seduta huwa u l-koimputat l-iehor Mizzi inghataw sentenza. Apparti illi l-kawza ma kienitx differita ghas-sentenza, il-partijiet kienu waslu ghal transazzjoni madanakollu kienu ma ffinalizzawx. Il-partijiet kienu lanqas biss lahqu xehdu f'dawn il-proceduri. Is-sentenza inghatat meta l-partijiet lanqas kienu ghadhom ghalqu l-provi taghhom.
3. Fit-tielet lok, il-provi akkwiziti f'din il-kawza ma jwasslux ghall-htija tal-appellant.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti qed jiffaccja akkuza wahda imsejsa fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta gie akkuzat talli f'Novembru tas-sena 2008 huwa ippermetta illi l-katusi ta'l-ilma tax-xita fil-garaxx u fond "Ave Maria", Triq Dun Bartolomew Attard, Zebbug jigu ikkomunikati mad-drenagg. Illi l-Ewwel Qorti kienet sabet htija ghal dina l-akkuza in forza tad-disposizzjoni tal-ligi iccitata mill-Prosekuzzjoni u li tahtha inharrget l-akkuza fil-konfront ta'l-appellanti. Illi b'decizjoni preliminari moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, gie milqugh l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellanti fejn is-sentenza impunjata giet dikjarat nulla billi fiha nuqqas ta' formalita sostanzjali li twassal ghan-nullita taghha u gie ordnat is-smigh mill-gdid tal-mertu. Illi meta il-Qorti giet biex taghmel dan l-ezami mill-gdid, l-appellanti irrileva illi l-ligi li abbazi taghha inharrget l-akkuza kienet giet revokata u kwindi illum ma tistax tinsab rejita meta l-element materjal taghha ma ghadux jikkostitwixxi reat.

Illi l-appellanti ghandu ragun. L-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta gie imhassar permezz ta'l-Avviz Legali 376 tal-2012 u ghalhekk qabel ma giet moghtija id-decizjoni impunjata. Illi permezz tar-regolamenti l-godda introdotti bl-imsemmi avviz legali gew tramandati fil-legislazzjoni taghna ir-regolamenti imfassla

fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Rendiment tal-Energija fl-Uzu tal-Bini u biex jagħtu effett lid-disposizzjonijiet ta'l-istess.

Illi ir-regolament 42 jiddisponi:

"(1) Ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Uzu tal-Energija u r-Regolamenti dwar ir-Rekwiziti Minimi għar-Rendiment tal-Bini fl-Uzu tal-Energija qegħdin b'dawn jigu revokati, **u l-artikolu 97(1)(f)(i)** u (n)(viii) tat-Taqsima V tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija qiegħed b'dawn **jigi mħassar**."

Illi dan sehh billi l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni tal-bini u hwejjeg ohra konnessi gew permezz tal-Att XII tal-2011 regolati bl-Att dwar i-Regolamenti tal-Bini, il-Kapitolu 513 tal-Ligijiet ta' Malta li tahtu jagqhu ir-regolamenti surriferiti. Dan ifisser allura illi l-vjolazzjoni sanitarja li dwaru l-appellanti qed jigi akkuzat issa giet regolata permezz ta' dan l-Att u ir-regolamenti li jaqghu tahtu. Fil-fatt l-artikolu 26 ta'l-Att jipprovdi illi:

**(1) B'seħħ minn dik id-data li l-Ministru jista', b'ordni fill-Gazzetta, jistabbilixxi u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Ministru jista' b'regolamenti jemenda, jissostitwixxi jew iħassar kull disposizzjoni tat-Taqsima V tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

**(2) Il-Ministru jista' b'regolamenti magħmulin taħt dan is-subartikolu jipprovdi dwar l-għemil ta' dispożizzjonijiet transitorji.**

**(3) Fil-każ ta' xi disposizzjoni fit-Taqsima V tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, li tkun tirrigwarda affarijiet ta' saħħa pubblika, il-Ministru għandu jagħmel dawk ir-regolamenti bi ftehim mal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika.**

Dan ghaliex illum l-enforzar tar-regolamenti dwar il-bini u l-affarijiet konnessi ma'l-istess hija imhollija f'idejn id-Direttur, Ufficcju dwar ir-Regolamenti tal-Bini u l-Bord li Jirregola l-Bini mahtur in forza ta'l-Att.

Illi ghalhekk rinfaccjata bil-bdil legislattiv, din il-Qorti, illum ma tistax issib htija ghall-akkuza kif formulata billi din hija imfassla fuq ligi li illum hija inezistenti u ma jidhirx illi l-Ministru responsabbli ghall-industrija tal-bini bi ftehim ma' dak

responsabbli ghas-sahha pubblika ghamel xi disposizzjonijiet transitorji u dan bis-setgha moghtija lilu fl-artikolu 26(2) u (3) hawn fuq iccitat.

Illi l-Qorti tosserva finalment illi jidher mill-atti illi l-appellanti illum ikkonforma ruhu mar-regolamenti imsemmija u kwindi ma jidhirx illi l-vjolazzjoni ghadha ezistenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-appellanti mill-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur